**Is-Seba' Stazzjon – Il-Mulej Jagħti s-Setgħa li Jinħafru d-Dnubiet**



*Dak in-nhar fil-għaxija, l-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma.*" (Ġwann 20: 19 – 23).

## Poeżija ta' Paul Callus

Id-dixxipli kienu mbeżżgħa
U fil-kamra magħluqin
Forsi ħasbu li għalihom
Il-Lhud kienu daqt ġejjin.

Kienu tilfu lill-Imgħallem
U x'sar minnu ma jafux,
Mhux ta' b'xejn li ġewwa qalbhom
Niket qawwi kien mifrux.

Ġesù deher bla kien mistenni
Fil-għaxija dak inhar.
Xħin rawh fosthom huma ferħu;
Hu kellimhom b'leħen ċar.

Huwa qal, 'Is-sliem għalikom'
Ġenbu wriehom u idejh
Id-dixxipli daru miegħu
Iċċassati jħarsu lejh.

Kompa mbagħad Ġesù jitkellem:
'Kif bagħat lili il-Missier
Hekk jien sejjer nibgħat lilkom.'
Dan li qal b'leħen sinċier.

Imbagħad huwa nefaħ fuqhom
U l-Ispirtu s-Santu mar
Fuq kull wieħed mid-dixxipli.
X'qawwa ħadu dak inhar!

Ingħataw setgħa speċjali
Illi jaħfru id-dnubiet,
Rigal kbir li juri mħabba
Għal matul iż-żminijiet.

Paul Callus ~ 6/04/2016